— EIH ma naqsitx milli tipproduċi provi ta' awtorizzazzjonijiet skont l-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 423/2007 [1] jew biżżejjed provi ta' awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 [2] għal trażazzjonijiet li seħħew wara t-2 ta' Settembru 2010.

— L-hekk imsejħa tranżazzjonijiet tat-tielet rimedju ġew approvati mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli milli timplementa sanzjonijiet fil-Ġermanja u għas-superviżjoni tal-EIH (il-Bundesbank), u l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-Bundesbank kienet eċċediet is-setgħat tagħha, u żbaljat meta ddeċidiet li EIH imissha kkontestat l-awtorità tal-Bundesbank li tagħti l-approvazzjonijiet li tat.

(3) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet il-motivi ta' aspettattivi leġittimi/ċertezza legali tal-EIH:

— Il-Qorti Ġenerali adottat karatterizzazzjoni żbaljata tal-fatti fil-proċess u żbaljat meta ddeċidiet li EIH imissha pprevediet li hija kienet ser tiġi indikata sabiex tikkonforma mal-assigurazzjonijiet vinkolanti tal-Bundesbank.

— Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li EIH ma setgħetx tibbaża fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress illi l-Bundesbank kienet eċċediet is-setgħat tagħha, peress li hija ma kinitx eċċediet is-setgħat tagħha, u anki jekk kienet għamlet dan, dan ma jippreklud ix li jiġi invokat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-regoli rilevanti li permezz ta' dawn EIH ġiet indikata kienu mhux ambigwi.

(4) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li EIH ma setgħetx tibbaża fuq l-Artikolu 32(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 meta kkontestat l-indikazzjoni tagħha u meta sostniet li s-sanzjonijiet imposti fuq EIH kienu jiżguraw effett preventiv li ma setax jintlaħaq mill-Bundesbank billi ma tapprovax iktar it-tielet rimedju jew li tawtorizza dawn it-tranżazzjonijiet:

— Fl-ipoteżi (li ġiet miċħuda) li EIH aġixxiet illegalment, l-Artikolu 32(2) kien jipprekludi l-indikazzjoni ta' EIH, peress illi EIH aġixxiet skont il-parir u l-linji gwida tal-Bundesbank f'kull rispett u ma kinitx taf jew ma kellhiex raġuni sabiex tissuspetta li aġixxiet illegalment.

— L-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fuq EIH kienet sproporzjonata peress illi kienu jeżistu miżuri iktar proporzjonati, peress illi l-Kunsill ikkunsidra li s-sistema regolatorja Ġermaniża kienet teħtieġ eżami mill-ġdid u forsi modifika, setgħet issuġġeriet dan l-eżami mill-ġdid lill-awtoritajiet Ġermaniżi, u l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu jkunu marbuta li jikkooperaw skont id-dmir tagħhom ta' kooperazzjoni sinċiera, li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni.

— Il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta waslet għal konklużjoni inkonsistenti mad-dokumenti fil-proċess meta kkonkludiet li l-miżuri restrittivi kienu proporzjonati peress li fil-każ ta' EIH, it-tranżazzjonijiet rilevanti saru magħrufa wara li seħħ l-avveniment. Flewwel lok, il-Bundesbank approvat it-tielet rimedju qabel ma EIH aġixxiet skont din l-approvazzjoni. Fit-tieni lok, jekk eżami mill-ġdid tal-approvazzjoni tagħha ta' tranżazzjonijiet tat-tielet rimedju mill-Bundesbank kien wassal għal bidla fil-pożizzjoni tal-Bundesbank dan kien ikollu effett preventiv għat-tranżazzjonijiet futuri kollha.

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007, tad-19 ta' April 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, p. 969).
[2] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1).

## Appell ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2013 minn Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fid-9 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-429/11, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-587/13 P)**

(2014/C 15/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellanti:* Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A. (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado, M. Núñez Müller u J. Domínguez Pérez, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

— tannulla d-digriet appellat;

— tiddikjara inammissibbli r-rikors għal annullament fil-Kawża T-429/11 u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fil-mertu;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri relatati mal-ammissibbiltà fiż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

(1) Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni billi interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' benefiċjarju effettiv għall-finijiet tal-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors kontra deċiżjonijiet li jiddikjaraw sistema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli. B'mod partikolari:

— il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' benefiċjarju effettiv u żnaturat il-fatti billi applikatu għat-tranżazzjonijiet effettwati mir-rikorrenti wara l-21 ta' Diċembru 2007;

— il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-kunċett ġurisprudenzjali ta' benefiċjarju effettiv fir-rigward ta' tranżazzjonijiet effettwati wara l-21 ta' Diċembru 2007.

(2) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-deċiżjonijiet fil-qasam tas-sistema ta' għajnuna mill-Istat, bħal dawk fid-deċiżjoni kkontestata, jirrikjedu miżuri ta' eżekuzzjoni fis-sens tad-dispożizzjoni l-ġdida tat-Trattat.

(3) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi adottat deċiżjoni li tikser id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Id-digriet appellat isostni li kunċett purament teoriku ta' dan id-dritt li jostakola lir-rikorrenti milli taċċedi għas-sistema preliminari f'kundizzjonijiet normali u mingħajr ma jkollha tikser il-liġi sabiex tikkontesta d-deċiżjoni kkontestata.